TRIBUNAL INDUSTRIJALI TA' MALTA

DECIŻJONI NRU. 5/77

Fil-kwistjoni tax-xoghol
bejn
L-Osborne Hotel
u
Joseph Triganza

Chairman : G.A. Craig

Illum 5 ta' Dicembru 1977

B'ittra ta' l-1 ta' Novembru 1977 l-Onorevoli Ministru tax-Xoghol, Ghajnuna Socjali u Kultura irriferit lil dan it-Tribunal taht id-disposizzjonijiet tal-artikolu 28 (2) ta' l-Att Nru. XXX ta' l-1976, il-kwistjoni tax-xoghol bejn il-partijiet fuq imsemmija. Dan il-kaz huwa dwar tkeccija ta' Joseph Triganza mill-Osborne Hotel, tkeccija li l-appellant jallega li kienet ingusta.

2. It-Tribunal zamm erba' seduti li fihom dehru ghall-Osborne Hotel is-Sur Ralph Arrigo assistit mis-Sur Richard Matrenza u ghal parti l-ohra s-Sur Joseph Triganza assistit mis-Sur Maurice Agius. F'dawn is-seduti nstemghu bhala xhieda is-Sinjuri Ralph Arrigo, Anthony Cilia, Robert Arrigo, Antoine Pisani, Salvu Panzavecchia, Edward Cassar, Salvu Ghirxi, Edwin Gatt, l-Avukat Joseph Schembri, prodotti mill-Osborne Hotel u Victor Herrera, Noel Borg prodotti mill-appellant u l-appellant in-nifsu.

3. Waqt li l-appellant Jos. Triganza li kien jahdem mal-Osborne Hotel bhala Head Waiter jallega li ma kien hemm ebda raguni valida l-ghala kellu jigi mkecci mill-post li kien jokkupa, l-Osborne Hotel jirritenu li waqt li l-appellant kien ta' esperjenza kbira u tajjeb hafna f'dak li hu xoghol, kien hemm certi incidenti li l-Management ma setghax jittollera biex il-lukanda izzomm isimha, ma titlifx klijenti u kawza ta'

/2. .....

hekk tmur lura. Li kien il-kumulu ta' ghadd ta' incidenti u l-imgieba ta' l-appellant li wasslu l-Management tal-Hotel biex jiehu decizjoni li jittermina l-impieg lill-appellant.

4. L-incidenti li wasslu lill-Osborne Hotel ghat-tkeccija ta' Joseph Briganza kienu dawn:

a) tat-22 ta' Settembru 1974, li kien il-Hadd li telaq minn fuq ix-xoghol u mill-impieg minghajr avviz ta' xejn fil-hin tal-breakfast;

b) tat-8 ta' Dicembru 1975, meta kien hemm argument mal-Propretarju tal-Hotel u dan keccà lill-appellant;

c) tad-9 ta' April 1977, fuq 'resident' ingliz li gie offert ikel li ma kienx intitolat ghalih jekk ma jhallas extra;

d) tat-18 ta' Mejju 1977, li kien jinvolvi tnax (12) minn nies li kienu l-Hotel ghal erbatax (14) il-gurnata u anke dawn gew offerti ikel mill-appellant li ma kienux intitolati ghalih jekk ma jhallsux extra u dawn ilmentaw wara li saru jafu;

e) tal-24 ta' Mejju 1977, li kienu erbatax (14) mir-ruh, dwar incidenti simili izda l-management ikkonsidrah izjed gravi ghax dan il-grupp kienu mibghuta mis-Sea Malta u kienu rapprezentanti tal-kumpanniji barranin;

f) tas-27 ta' Mejju 1977, meta l-appellant ordna ghall-ghada ikel li tieghu wiehed kellu jhallas extra, u f' dan il-kaz kien grupp ta' Francizi;

g) tal-31 ta' Mejju 1977, ghall-incident simili bhal ta' qabel izda li kien jinvolvi klijent wiehed biss. Din kienet it-tibna li kisret dahar il-gemel u kien hemm li l-appellant gie mkecci, wara li l-propretarju hassu wkoll offiz bl-imgieba u kliem tal-appellant.

5. Waqt li l-Management ta' l-Osborne Hotel qed jibbaza l-kaz tieghu l-izjed fuq l-incidenti repetuti f'perijodu zghir ta' April u Mejju, 1977, sostniet ukoll li dan ma jfissirx li qatt ma kellha l-okkazjoni tilmenta qabel mill-kondotta ta' dan l-impjegat minkejja l-fatt li hu ghax-xoghol kien wiehed ta' esperjenza kbira. Ghalhekk huwa tajjeb li qabel xejn jigu ezaminati dawn l-incidenti biex wiehed jara jekk jistghux jigu accettati l-ispjegazzjonijiet li ta s-Sur Joseph Triganza u jekk ma humiex accettati dawn l-incidenti kienux ta' gravita' tali li kollha f'daqqa jwasslu ghal piena ta' tkeccija.

6. <u>L-incident tat-22 ta' Settembru 1974</u> gie ammess anke mis-Sur Joseph Triganza, ghalkemm dan hass li kellu gustifikazzjoni li jitlaq ghax kien sab ruhu minghajr l-ghajnuna mehtiega u ghalhekk qabad u telaq minn rajh. Din kienet il-gurnata tal-Hadd u kien hemm in-nies. Hu hass li ma kienx possibbli li jlahhaq max-xoghol li kien hemm kwazi wahdu u telaq. Il-Management hass li dan kien att irresponsabbli ghax kien dmir tieghu li jaghmel dak li seta' fic-cirkostanzi. Izda fid-9 ta' Novembru, 1975 is-Sur Joseph Triganza rega' gie mpjegat mill-Osborne Hotel bhala Head Waiter.

7. <u>L-incident tat-8 ta' Dicembru 1975</u> xahar biss wara li rega' gie mpjegat règa' gie mkecci mhabba li kien mar ghand il-propretarju biex isarraf £5 u kien hemm argument. Dan l-incident gie rrangat wara xi granet u rega' dahal minghajr 'break of service'.

8. <u>L-incident tad-9 ta' April 1977</u>. Dan is-Sur Joseph Triganza ma ftakrux izda inqas il-parti l-ohra ma kkorraborawhx bix-xhieda.

9. <u>L-incident tat-18 ta' Mejju 1977</u>. Dan ukoll is-Sur Joseph Triganza ma ftakrux. Dan ukoll il-parti l-ohra ma

ġabux xhieda biex jikkorroborawh.

10. L-incident tal-24 ta' Mejju 1977. Ghal dan is-Sur Joseph Triganza qal fix-xhieda tieghu "Dan lili qaluli li ikel tiehom li jridu. Dan li qalli hekk kien ir-rapprezentant tal-Agent. Qalli ikel li jridu, pero' xorb xejn ma nghamilx tajjeb ghax-xorb pero' ikel li jridu. Jien sentendi tajthom li riedu," u fuq mistoqsija tac-Chairman wiegeb "Mill-kumpanija, mhux il-Kumpanija thallas?"

Is-Sur Joseph Triganza inqas staqsa lill-Management izda hada responsabilta' tieghu u t-Tribunal inqas ma sema' xhieda li jikkorrobora li r-rapprezentant tal-Agent qallu dak il-kliem li allega li qallu. Dan kien grupp ta' erbatax li kienu jirrapprezentaw kumpanniji barranin u kien ghalhekk li l-Management ma xtaq bl-ebda mod li jkollu lmenti, kif fil-fatt kellu, minn dawn in-nies li setghu baxxew isem u r-reputazzjoni tal-lukanda u ssir hsara kbira.

11. L-incident tas-27 ta' Mejju 1977 dwar grupp ta' tnax Francizi li kellhom imorru it-Tnejn meta s-Sur Joseph Triganza kien ikun frank. Dawn gew servuti pexxispad li ma kienux intitolati ghalih. Is-Sur Joseph Triganza fuq dan xehed hekk : "Tal Francizi is-Sur Arrigo qalli dawn Francizi, dawn nies li jafu jieklu u tiehom li hemm bzonn. Issa jekk halsu jew ma halsux jien ma nafx". Mistoqsi mid-Difensur tieghu, jekk ordnawx mill-Hadd ghat-Tnejn hu wiegeb : Jien dejjem gejt mghallem minn nies aqwa minni, mir-Restaurant Manager tal-Phoenicia u tal-Hilton illi meta jkollok grupp u tkun frank l-ghada, biex taghmel ix-xoghol aktar easy, nghidilhom x'jixtiequ ghall-ghada. Naqralhom x' ghandna u x'ma ghandniex. Lill-Francizi kont nghidilhom li hemm extra fuqu."

Kieku kienu jafu li hemm extra wiehed ma ghandux jistenna li grupp jilmentaw l-ghada meta gew biex ihallsu

u fuq kollox dan li qal is-Sur Joseph Triganza ma gie korroborat minn hadd.

Issa dan il-grupp kien gej minn ditta ta' operaturi il-"Kosmovel" u kien ghalhekk li l-lukanda ma xtaqetx li jispiccaw b'tilwima qabel telqu mill-lukanda.

12. L-incident tal-31 ta' Mejju 1977. Fuq dan is-Sur Joseph Triganza xehed hekk : "Dan dahal u pogga bil-qeghda u tajtu l-menu u qalli, "I don't need it, because I had already consulted myself with the menu displayed outside." Ghidtlu : "What do you wish Sir, please." Qalli, "I hear that in Malta you have nice Mediterranean fish." Ghidtlu, "Malta is in the Mediterranean." Ghidtlu, "You like swordfish, it is boneless and the season of the swordfish has just started." Qalli "In that case that is what I would take." Ktibt l-ordni mort fil-kcina u tajt kopja lill-kaxxier. Gie t-tifel tas-Sur Arrigo, qalli, "Dan half board," u jien ghidtlu, "li ordnali tajtu." Ghidtlu, "L-anqas il-menu ma ried jara."

It-Tribunal ma sema' l-ebda xhieda li tikkorobora xi parti minn din il-konversazzjoni mal-klijent izda lis-Sur Robert Arrigo, il-Manager, qallu "li ordnali tajtu."

13. Barra minn dawn l-incidenti t-Tribunal kellu wkoll jara x'hareg mix-xhieda fuq l-ingieba generali tas-Sur Joseph Triganza, specjalment mal-Management u mal-klijenti. Il-posizzjoni ta' Head Waiter fir-restaurant taghti certa liberta' lill-impjegat u ghaldaqstant jinhtieg li l-Management ikollu fiducja shiha fi bniedem li jkollu kariga simili u mhux li jkollu dejjem ihabbat wiccu mal-klijenti biex jara kif ser jithallas mal-klijenti mhabba l-ingieba ta' min jokkupa din il-kariga.

14. Is-Sur Ralph Arrigo l-propretarju tal-lukanda qal, "Dan ta' kuljum jien u s-Sur Triganza kien ikollna xi nghidu."

Il-Catering Manager, mistoqsi mid-difensur tas-Sur Joseph Triganza dwar l-efficjenza tieghu wiegeb, "Bil-mumenti. Jigu granet 100 per cent u jigu granet ikisser ir-restaurant bl-istaff b'kollox." Is-Sur Robert Arrigo, il-Manager tal-lukanda qal, "Gieli kellna waiters u ma joqghodux u telqu minhabba s-Sur Triganza," u qal ukoll "is-Sur Triganza kull tant kien aggressiv." Is-Sur Noel Borg, xhud imtella' mis-Sur Joseph Triganza stess ghall-mistoqsija mid-difensur tieghu jekk qatt gewx xi nies jikkomplejnjaw kontra s-Sur Triganza wiegeb, "Gieli gew nies jikkomplejnjaw," u mistoqsi mill-istess difensur "F'liema sens?" wiegeb, "Li hu ftit nervuz u kultant jinsisti fuq affarijiet li ghandhom jieklu", u kumpannija frustiera li tibghat nies l-Hotel, darba, fost affarijiet ohra rrapurtat, "si sono lamentati del maitre che e' stato sgarbato ........."

15. Mill-kompless tax-xhieda jidher li s-Sur Joseph Triganza kien tabilhaqq jissuggerixxi ikel lill-klijenti u imhabba dan xi drabi l-Hotel kellu jew joffri ikel b'xejn jew jidhol f'diskussjonijiet ma klijenti li minnhom ma setax johrog hlief hsara. Jidher ukoll li hafna drabi wissewh lis-Sur Joseph Triganza mhux bil-miktub imma bil-kelma.

16. Id-difiza tas-Sur Joseph Triganza ghamlet accent kbir fuq il-fatt li l-propretarju tal-lukanda, is-Sur Ralph Arrigo ma kellu ebda hsieb ikecci lis-Sur Joseph Triganza inqas wara li sar jaf bl-incident tal-31 ta' Mejju 1977. Izda kull ma ried kien li jzommlu d-differenza li kienet tilhaq ftit izjed minn lira (£1) u li dan il-kastig zghir imbidel meta l-management ha ghalih ghax l-impjegat urieh li jaf l-affarijiet tieghu u li dan ghandu dritt li ghandu jkun jaf id-drittijiet u d-dmirijiet tieghu. Dan kien punt serju hafna kieku kien biss hekk. Is-Sur Ralph Arrigo stqarr fix-xhieda tieghu li "Jien ma kellhi ebda intenzjoni li nibghatu, izda " kompla jghid, "qalli mhux kulma jleqq deheb u qalli minn kollox, ghajjarni u ghidtlu li bil-bicca tal-hobz nghaddi u jien nghid li bniedem juri l-

/7. .....

efficjenza tieghu l-hin kollu, dan ghamel dawn l-izbalji aktar minn darba u ghalhekk jien bghattu." Barra minn hekk, wiehed irid izomm f'mohhu li l-impjegat ma jista' qatt imur kontra l-interessi kummercjali ta' min ihaddmu.

17. It-Tribunal ha in konsiderazzjoni dak kollu li rrizulta mill-provi u dak li ssottomettew il-partijiet u d-difensuri taghhom.

18. Dan it-Tribunal ghalhekk ma jistax ma jaqbilx li l-incident tal-31 ta' Mejju 1977, ma kienx hlief l-ahhar ta' sensiela ta' ncidenti li kollha f'daqqa jikkostitwixxu kawza gusta ghat-tkeccija.

19. Award

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal ma jistax isib favur l-appellant u b'hekk itemm din il-kwistjoni tax-xoghol bejn iz-zewg partijiet.

(G.A. Craig)
Chairman

(S. Grech)
Segretarju

em